# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA
Editur: C. Zammit-Marmarà, M.B.E.

Nru. 74 IL-MILIED, 1945. Nru. 74

# MESSAGG TAL-MILIED U TA' L-EWWEL TAS-SENA

(*Mis*-Sur Robert Biasini, *Direttur tal-Biedja*)

### BEJN L-IMGHODDI U L-LUM

**Is-Sena** l-oħra għall-Milied, jiġifieri meta wkoll is-sena kienet qorbot biex tagħlaq, jiena kont kellimtkom b'messaġġ f'dan l-organu tad-Dipartiment tal-Biedja fejn deherli li qabel xejn kelli nħares lejn l-imgħoddi li minnu stajna nitgħallmu mhux ftit u fl-istess ħin nitfa' l-ħarsa tiegħi lejn iż-żmien li ġej fuqna. Sew fl-imgħoddi, meta fl-eqqel żmenijiet tal-għaks li nisslet il-gwerra u li fihom id-Dipartiment tal-Biedja kellu l-akbar sehem biex jipprovdi bl-ikel lill-popolazzjoni u din tibqa' żżomm sħiħa fl-imblokk li kellha mill-għadu, sew fiż-żmien ta' wara, meta l-ħruxija tal-gwerra bdiet tonqos u bdejna noqorbu għaż-żmien ta' tama għarrebħa, id-Dipartiment tal-Biedja ħass li għad irid iwettaq dmiru — id-dmir li jħabrek iżjed mis-soltu biex jaqdi l-popolazzjoni fil-produzzjoni ta' ikel u fl-istess ħin igħin lill-bidwi biex dan bil-għaraq ta' ġbinu jaħdem l-art tiegħu u, filwaqt li jaqla' ħobżu, jaqdi d-dmir tiegħu nazzjonali, dmir hekk kbir li fi żmien il gwerra kien isarraf daqs dak ta' kull suldat li kien fuq il-kanun biex jilqa' u jeqred l-għadu. Dak id-dmir kien qiegħed, f'dak iż-żmien aħrax u tal-biża', iżomm ħajja l-popolazzjoni, fejn f'din il-Gżira, minnha kienet qiegħda tiddependi, fil-biċċa l-kbira, ir-rebħa fil-Mediterran kontra l-għadu.

Meta kellimtkom u xtaqtilkom ir-riżq fis-sengħa tagħkom li hi wkoll marbuta mar-riżq ta' dawn il-Gżejjer, iż-żmenijiet, jekk mhux koroh għalkollox, sbieħ ma tantx kienu — u s-sħab iswed tal-gwerra li kienet għadha tixgħel fil-bogħod, kien għadu mdendel fuq rasna. Aħna, għalhekk, konna ħassejna li l-pis ta' bejn il-qilla tal-gwerra u l-mixja għall-paċi kien hekk kbir li ħtieġ li l-ħidma tagħna tkompli sejra biex il-produzzjoni tikber. Aħna ħabbarna wkoll illi saħansitra meta naslu għat-tmiem ta' dik il-ġlieda ħarxa li nkunu għaddejna minnha u li tagħha għad għandna l-effetti li qajla jissewwew mingħajr sagrifiċċji oħra, aħna jkollna nissuktaw naħartu bi sħiħ f'dan il-qasam ta' xogħo hekk ta' ħtieġa għall-ħajja tal-Gżira.

*Jalla l-Paċi li biha*
*għalaqna s-Sena*
*tingħaqad ma' Dik imħabbra*
*mis-Smewwiet*
*għan-nies ta' rieda tajba*
*u*
*tkun ta' tama u riżq*
*għall-Bdiewa*
*fuq l-uċuħ tar-raba' tagħhom*
*u fuq Djarhom*
*li f'dawn il-Jiem ta' Ferħ*
*qegħdin jilqgħu l-Barka tas-Smewwiet*
*u d-Dawl tal-Kewkba tad-Dar ta' Kristu*

### IT-TMIEM TAL-GWERRA U S-SEBĦ TAL-PAĊI

Is-sena li għaddiet ħallitilna warajha t-tmiem tal-gwerra u s-sebħ tal-paċi, iżda dak is-sebħ li nibet daħkani fix-xefaq tas-sema tad-dinja, iwiddibna li għad irridu naħdmu u li l-ħidma tagħna trid tkun għalenija jekk irridu li l-Gżira tirbaħ il-ħlas tax-xogħol li s'issa ħadem il-bidwi fl-eħrex żmenijiet ta' l-istorja tal-Gżira.

### X'TGHALLIMNA MILL-GWERRA

Il-gwerer dejjem għallmu l-bżonnijiet tal-ħajja ekonomika tal-pajjiż u nistgħu ngħidu li minn din il-gwerra kellna aħna wkoll nitgħallmu bosta ħwejjeġ li jolqtu l-bżonnijiet tagħna, l-iktar għal dawk li huma prodotti tal-biedja. Qatt ma nħass hekk il-bżonn li aħna nkabbru l-prodotti tal-biedja tagħna daqs din id-darba, u, għalhekk, sewa mhux ftit ix-xogħol tad-Dipartiment li bis-sistemi ġodda tas-saqwi witta t-triq għall-bidwi biex dan ikun jista' jkabbar ir raba' tas-saqwi għal dawk l-ħxejjex li tagħhom ħassejna bżonn kbir, inissel iżjod siġar tal-frott irqiq, jikkultiva iżjed siġar tal għoneb minn żraġen Amerikani li jifilħu għall-mard, sew bħala frott ta' l-ikel kemm bħala għeneb għall-għesir ta' l-inbid, industrja li għandha bżonn ta' inkoraġġiment kbir, ikabbar l-uċuħ tal-patata għas-suq tal-pajjiż u għas-swieq ta' barra — koltivazzjoni li tħalli l-qligħ, bħal dik tal-kemmnu u tal-qoton ta' dari. Il-kitba tar-raba' li twaqqfet fi żmien il-gwerra hija mera li turina x'inhu u kemm l-art tagħna qiegħda tipproduċi u x'inhu u kemm tista' tipproduċi.

Il-Qasam tal-Għammieri, fejn fi żmien il-gwerra, trawmu bhejjem, tjur u fniek ta' l-isbaħ razez puri, bil-postijiet għat-tagħmir tal-fniek minn fniek kbar ta' razza pura, imxerrdin mal-Gżejjer ta' Malta u Għawdex, u x-xogħol li sar f'dan il-Qasam u f'postijiet oħra tal-biedja għat-tagħmir ta' bhejjem, urewna kemm aħna nistgħu nżidu fil-produzzjoni tal-laħam, ħalib u bajd. Il-koltivazzjoni taż-żrieragħ hija industrja ġdida li d-Dipartiment tal-Biedja fi żmien il-gwerra ħass il-bżonn li jwaqqaf fl-iskarsizza

*(Jissokta fil-faċċata 3)*

# GHELUQ IT-TIELET SENA TA' "IL-BIDWI"

*(Editur tal-Propaganda)*

**It-Twelid ta' "Il-Bidwi" fil-Gwerra**

IX-XAHAR li għadda "IL--BIDWI" għalaq tliet snin li ilu joħroġ. Dan il-ġurnal twieled bħala organu tad-Dipartiment tal-Biedja f'Novembru ta' l-1942, meta l-gwerra kienet fl-eqqel tagħha u meta d-Dipartiment tal-Biedja kellu l-akbar ħmir li kienet messitu fl-istorja tiegħu, dak li jipprovdi għall-għajxien tal-popolazzjoni u ta' l-armata li kienet imħaxxkna u mhedda mill-għadu li lejl u nhar kien qiegħed jitfa' fuq il-Gżejjer ta' Malta l-qilla l-kbira tan-nirien tiegħu biex jeqred il-qawwa ta' min kien qed iżomm din il-Fortizza tal-Mediterran dejjem sħiħa u fuq saqajha.

Biex din il-ġrajja ta' l-egħluq tat-tielet sena ta' ħajja hekk sabiħa ta' "IL-BIDWI" jkollha l-għożża tagħha fost il-bdiewa li kellhom l-aqwa sehem. fil-ħajja tal-Gżira fiż-żmien kollu tal-gwerra, kif ukoll fost dawk in-nies tal-popolazzjoni ta' Malta u Għawdex li għandhom għal qalbhom ix-xogħol tal-biedja u tal-ġonna, din id-darba dil-ġrajja sa nfakkruha lill-qarrejja tagħna f'dawn il-ġranet ta' ferħ tal-Milied u ta' l-Ewwel tas-Sena u fiha nsemmu fil-qosor dak kollu li fih kellu sehem id-Dipartiment u l-organu tiegħu "IL-BIDWI" bil-propaganda ta' fejda fl-interess tal-biedja u tal-bidwi.

**"Il-Bidwi" bħala mera tal-pulitka tad-Dipartiment**

Kif dlonk il-qarrej jista' jara, fl-erbgħa u sebgħin ħarġa ta' "IL-BIDWI", jiġifieri mill-15 ta' Novembru 1942, sal-lum, il-bdiewa, il-ġenniena u n-nies kollha li qed jinteressaw ruħhom fil-biedja tal-pajjiż, għandhom mera tal-pulitka u ħidma tad-Dipartiment tal-Biedja mill-eqqel żmien tal-gwerra sa ftit xhur wara l-paċi tad-dinja. Aħna ma noqogħdux insemmu x-xogħol imwiegħer li messu jagħmel id-Dipartiment tal-Biedja fi żmien il-gwerra, li sewa daqs dak tas-suldati ta' fuq il-kanun u tal-bdoti ta' fuq l-ajruplani li iffruntaw sidirhom kontra l-għadu. Dan il-lum kulħadd jafu. Biżżejjed ngħidu illi filwaqt li bil-kontroll tas-swieq, bil-ġabra ta' qmuħ, u bis-sistema ta' tqassim ta' ħxejjex taħt il-kontroll tad-Dipartiment, biċ-ċensiment tar-raba' u bit-twettiq tal-proġett il-kbir ta' raba' bagħli f'saqwi, il-Gżira setgħet tkabbar il-produzzjoni ta' ħxejjex u qmuħ (b'mod li ġie żmien li kellna xaba' ta' ħxejjex fis-swieq), u jtaffi l-għaqs li fih il-popolazzjoni kienet tinsab ma' tul l-Assedju tal-Gżira mill-għadu, id-Dipartiment kien qiegħed jibni mill-ġdid fuq pedamenti iżjed sodi l-programm tax-xogħol tiegħu għal quddiem — għall-progress ekonomiku tal-Gżira u tal-bdiewa.

**L-Industrja taż-Żerriegħa**

Minn xi sentejn 'l hawn dan il-programm żdied b'xogħol li ġa beda jsir u li hemm maħsub li jsir. Mal-prodotti ta' l-ikel, bħal dik tal-patata għall-ikel u għaż-żrigħ li dan l-aħħar bdejna nsiefru — industrja tas-swieq ta' barra li hija nixxiegħa tal-biċċa l-kbira tal-għana tal-pajjiż — aħna żidna wkoll dik taż-żerriegħa li l-Gvern qed jikkuntratta mal-bdiewa biex jikkultivaw għas-safar. Din l-industrja ġdida bihsiebha, għal dawn iż-żmenijiet ta' wara l-gwerra, tiftħilna ħafna portijiet li minnhom nistennew id-dħul ta' ħafna ġid.

Il-Wirjiet li saru f'Sant'Anton ta' prodotti tar-raba', fosthom ta' frott u fjuri, ta' annimali, fosthom ukoll ta' fniek u tjur, urew il-progress li sar b'inkejja tat-tfixkil li kellna bil-gwerra, u dan b'riħet il-ħidma tad-Dipartiment tal-Biedja li ġiebet żieda u tjubija fit-torbija ta' bhejjem, fniek u tjur imnisslin minn razez puri li bihom stagħnet il-biedja Maltija. L-aqwa fost dan ix-xorta ta' tnissil ta' bhejjem huwa dak tal-majjali minn razza pura ta' majjali bojod u kbar li qerdu l-ħanżir iswed ta' razza bagħlija u kerha li kellna qabel.

**Il-Fejda tad-Dipartiment f'ħidmiet oħra**

Il-ħidma tad-Dipartiment tal-Biedja dehret ukoll ta' fejda kbira għall-bdiewa u għall-ġenniena fix-xogħol ta' tqassim ta' żrieragħ, xtieli, u fit-trawwim ta' naħal ġdid ta' Sqallija, fit-tnissil u tqassim ta' żraġen tad-dwieli Amerikani għat-tilqim, u ta' xitel ta' frott irqiq, fil-kura ta' siġar u prodotti mimsusin bil-mard, kif ukoll, li hu l-aqwa, fil-passi li ttieħdu mid-Dipartiment biex jilqa' minnufih it-tixrid tal-mard fost il-bhejjem, bħalma kienet il-marda kiefra tal-lsien u tad-dwiefer u l-marda tal-marsuttin fil-baqar.

**Mezz ta' Tagħlim għall-Bidwi**

Din is-sena wkoll infetħet skola ta' bil-lejl għall-kbar fejn il-bdiewa jkunu jistgħu jmorru jitgħallmu jaqraw u jiktbu; b'hekk barra, minn dak li jisimgħu minn fuq ir-"Rediffusion", il-bdiewa jkunu jistgħu jaqraw fuq is-sengħa tagħhom. Id-Direttur tal-Biedja għandu wisq għal qalbu dan it-tagħlim ta' bil-lejl li bih il-bidwi jkun jista' jneħħi minn quddiem għajnejh il-għamad tan-nuqqas ta' skola.

**Il-Kamra ta' l-Informazzjonijiet**

Il-lum id-Direttur tal-Biedja biex iktar iwettaq il-ħsieb li jgħin lill-pubbliku fetaħ fid-Dipartiment 'Kamra ta' l-Informazzjonijiet', fejn jingħataw l-informazzjonijiet kollha għal kull mistoqsija li ssir fuq koltivazzjoni u kura tal-prodotti tar-raba' u ġonna, kif ukoll fuq it-torbija u kura ta' annimali u ħwejjeġ oħra dwar il-biedja, fejn jinżammu kotba u ġurnali dwar il-biedja, eċċ., u jitħejjew it-taħditiet kollha li jixxandru minn fuq ir-"Rediffusion" nhar ta' Ħadd, fin-Nofs Siegħa tal-Bidwi, u fejn ukoll tinħadem l-edizzjoni u titqassam il-pubblikazzjoni ta' "IL-BIDWI".

**Ix-Xogħol ta' "Il-Bidwi"**

Nagħalqu din it-tifkira ta' għeluq it-tielet sena ta' "IL-BIDWI" billi nagħtu ħarsa lejn il-ħidma ta' dan id-daqsxejn ta' folju fejn fl-artikoli editorjali u fit-taħditiet tad-Direttur tal-Biedja minn fuq ir-"Rediffusion", li dehru fih, aħna tgħallimna kemm id-Dipartiment tal-Biedja qed jinteressa ruħu għall-progress tekniku u ekonomiku tal-bidwi u fil-ġid tal-popolazzjoni biex din tieħu l-bżonnijiet tagħha kollha mill-prodotti tar-raba' u ma titqarraqx bix-xnigħat fiergħa u għawi kontra l-pulitka għaq-

*(Jissokta fil-faċċata 4)*

# IL-HAMIEM

*(J. Orlando Smith)*

**RAZEZ TA' HAMIEM GHALL-IKEL**

IL-HAMIEM huwa wieħed minn dawk it-tjur li bdew jitrabbew għall-ħteġijiet tad-dar minn żmenijiet bikrija ħafna. Wieħed ma jistax isemmi f'dan l-artiklu r-razez kollha li jeżistu, il-għaliex biex insemmu r-razez kollha, irridu naħlu ħafna mill-wisa' ta' dan il-ġurnal. Għaldaqshekk sejrin nitkellmu biss fuq dawk ir-razez li jistgħu jagħtuna bċieċen għall-ikel u li jirfdu n-nuqqas li għandna fir-razzjonijiet tal-lum.

Fost ir-razez ta' ħamiem li m'aħniex sejrin nitkellmu fuqhom, hemm għadd kbir tassew sabiħ u li huma ta' żina miżmumin minn dilettanti mhux bi skop ta' żieda fit-taħwir ta' l-ikel tal-mejda. U għalhekk aħna sejrin nitkellmu biss fuq il-ħamiem oħxon li jitrabba għal-laħam u li bħalissa għandhom valur doppju. Sew f'Malta kif ukoll f'Għawdex nafu li titrabba razza ta' ħamiem li meta toqtol par minnu tista' tgħid li jkollok pis ta' tiġieġa u li jagħtuk ikel tassew bnin u brodu mill-aħjar.

**VANTAĠĠI TAL-HAMIEM OHXON GHALL-IKEL**

Ir-razza ta' ħamiem li qegħdin insemmu, barra milli terfa' l-pis, fiha ħafna vantaġġi oħra bħalma huma dawk li ma jittajjarx fil-bogħod mill-post fejn ikun imrobbi u għaldaqshekk la jagħti fastidju lill-ġirien, la jagħmel ħsara fl-uċuħ, u b'hekk la jaħrab u lanqas jiġi meqrud mit-tiri ta' xi xkubetta. Razza ta' ħamiem bħal din ta' min jirrikkmandaha lil dawk li jitħajru biex irawmu xi par jew tnejn. L-istaġun tat-tnissil tista' tgħid li jinfirex ma' tul is-sena kollha, meta l-għażla tar-razza tkun tajba u wieħed għandu jsib li ħamiem tajjeb jibda jbid mingħajr hedu għal snin twal mingħajr ma jieqaf. Hawn razza ta' ħamiem tant għammiela li b'daqshekk għandha wkoll il-ħażin tagħha, il-għaliex fix-xhur kesħin tax-xitwa tibqa' tbid mingħajr hedu, saħansitra meta l-bċieċen ma jkunux libsu għal kollox u b'hekk il-bċieċen jistgħu jmutu bil-bard, il-għaliex malli l-omm ikollha l-bajd tħalli l-bċieċen biex tfaqqas il-bajd li tkun reġgħet biedet.

**GHALF TAL-HAMIEM**

Meta l-ħamiem ma jkollux bċieċen, ma jikkunsmax ikel wisq u għalhekk it-torbija tal-ħamiem ma għandhiex issib diffikultajiet kbar. il-lum, fil-kwistjoni tal-ġwież, speċjalment jekk wieħed ikollu xi bhejjem u tjur oħra li għalihom jikseb ir-razzjon li qed joħroġ għall-annimali. Ponn qaraboċċ, qamħ ir-rum, ful irqiq, ċiċri jew xgħir, kif ukoll fdal tal-ħobż imfarrak jew smida huma biżżejjed biex il-ħamiem jinżamm f'saħħtu. Meta jkollu l-bċieċen, ma għandniex xi ngħidu, ikun jinħtieġlu ikel iktar il-għaliex il-ħamiem ma jħalli qatt lill-bċieċen neqsin mill-ikel, billi jitmagħhom il-ħin kollu. Jekk wieħed irid li l-bċieċen jissaħħu, jista' jagħtihom ukoll doża taż-żerriegħa tal-qanneb filgħodu kmieni u doża oħra wara nofs in-nhar. Qatt la tħallat il-qanneb ma' għalf ieħor, il-għaliex, billi l-ħamiem iħobbu ħafna, jibda jħarbex sakemm jagħżel il-qanneb kollu u b'hekk ixerred il-bqija ta' l-ikel.

**KIF TISKANSA L-ĠLIED TAL-HAMIEM**

Meta jkollok iktar minn par wieħed, jista' jinzertalek xi ħamiem raġel li jkun aktar ġellied mill-oħrajn u jagħmel jedd fuq il-kaxex kollha li jkunu qribu, jiġġieled u jkeċċi lil kull ħamiem ieħor li jersaq biex ibejjet fil-kaxex ta' ħdejh. Biex wieħed jiskansa dan, m'għandux jagħmel ħafna kaxex fil-barumbara qrib wisq lejn xulxin, jew inkella jwarrab il-kaxxa ta' dak il-ħamiem ġelliedi ftit aktar 'il bogħod mill-oħrajn. Mezz ieħor biex trawwem ħamiem ħdejn il-ġelliedi, mingħajr ma jkun jibża' minnu, ħalli par, minn dawk li tkun trid trabbi, ikollhom il-bċieċen u, meta dawn ikollhom minn 10 sa 15-il-ġurnata, aqbad il-kaxxa bil-bċieċen b'kollox u poġġiha qrib il-ġelliedi kemm trid int.

Ukoll il-ħamiem l-aktar beżżiegħi jiġġieled b'ħiltu kollha biex iħares il-bċieċen tiegħu u dan huwa tant magħruf mill-ħamiem stess illi lanqas l-aktar ġelliedi fosthom ma jersaq biex jaħbat għall-ħamiem li jkun qed iħares lil uliedu. Biex isir dan ix-xogħol. huwa tajjeb li l-kaxex fil-barumbara jkunu mwaħħlin b'mod li tkun tista' tbiddilhom minn post għall-ieħor mingħajr taħbit.

**IL-GHAMLA TAL-KAXEX**

Jekk il-kaxex flok li jkunu maqsuma min-nofs biex jagħmlu żewġ bejtiet, isiru kaxxa żgħira għal kull bejta, ikun aħjar l-għaliex b'hekk tkun tista' tnaddaf kaxxa minnhom mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa li ċċaqlaq dik il-bejta l-oħra li forsi jkun fiha l-bajd. L-ilma huwa ta ħtieġa kbira għall-ħamiem u wieħed għandu jara li jżommu nadif kemm jista' jkun u dejjem frisk. Jekk tqegħidlu wkoll xi bieqja fejn jista' jċaflas xi ftit. dan jagħmillu tajjeb tassew għal saħħtu.

**TAHLIT TA' NISEL**

Fil-gżejjer hawn drawwa li jibqgħu jitrabbew pari ta' ħamiem dejjem mill-istess nisel. Din id-drawwa hija ħażina il-għaliex it-taħlit tad-demm huwa tajjeb daqskemm huwa tajjeb fuq kull maħluq ieħor. Jiswa ħafna għalhekk li kultant trawwem ħamiem li ma jkunux il-wild ta' l-istess par. Jekk wieħed ma jaħsibx għal dan, ir-razza tmur lura, tonqos is-saħħa u ma jibqgħux jinkisbu r-riżultati tajba li wieħed ikun jixtieq. Billi huwa diffiċli ħafna li wieħed jagħraf malajr il-ġens fil-ħamiem, biex neħilsu mill-għatx tat-taħlit, l-aħjar ħaġa li wieħed jagħmel hija li jħallih jikber ftit sakemm juri huwa stess il-ġens tiegħu, u qabel ma jbejjet ħallat il-beċċun raġel ta' par mal-beċċun mara ta' par ieħor. Wara ftit li jdumu flimkien, jidraw lil xulxin u jibqgħu jgħammru flimkien għal dejjem.

B'dan l-iskop huwa tajjeb ħafna wkoll, minħabba t-taħlit tar-razez, li tara jirnexxilekx tpartat xi par ħamiem ma' xi ħadd ieħor li jkun jixtieq huwa wkoll idaħħal ħamiem ta' demm ġdid fil-barumbara tiegħu.

## MESSAĠĠ TAL-MILIED U TA' L-EWWEL TAS-SENA

*(Jissokta mill-faċċata 1)*

**ta' żrieragħ minn barra, u din l-industrja, bin-negozju li l-lum għandha mad-djar ta' barra, biħsiebha tikber mhux ftit u tkun ta' qligħ sabiħ għall-bidwi u għall-pajjiż.**

**TWETTIQ TAL-PULITKA TAD-DIPARTIMENT FIL-HIDMA TIEGHU GHALL-ĠID TAL-BIDWI U TAL-GŻIRA**

**Is-sena l-oħra kont fissirt fi ftit kliem x'inhu l-ħsieb tad-Dipartiment tal-Biedja biex imexxi 'l quddiem ix-xogħol ta' kull fergħa ta' produzzjoni u industrja li semmejna u l-lum sew f'dawn il-ġranet ta' ferħ li jnissel fi qlubna l-Milied u li dis-sena huma wisq isbaħ, kemm ukoll għall-bidu tas-Sena l-Ġdida li biha biħsiebna niftħu wkoll sena ġdida għall-biedja tal-pajjiż, jiena sa nwettaq il-ħsieb ta' dan id-Dipartiment, jiġifieri, narġa' nfisser il-fehma li dan id-Dipartiment biħsiebu jkompli jaħdem bi sħiħ sabiex il-biedja tal-pajjiż fil-produzzjonijiet tagħha timxi iżjed 'il quddiem kemm fl-interess tal-bidwi kif ukoll tal-konsumatur.**

**Iż-żieda u t-tjubija fil-produzzjonijiet, sew fl-uċuħ tar-raba', kemm fit-torbija ta' annimali, huma ż-żewġ punti tal-programm tad-Dipartiment tiegħi li bihom nittama li s-swieq tal-Gżejjer għandhom jaqdu l-biċċa l-kbira tal-bżonnijiet tal-pajjiż kif ukoll ikunu ta' għajnuna għall-bidwi fis-suq tal-pajjiż u ta' barra.**

**Nittama, għalhekk, li dawk l-industriji li fi żmien il-gwerra ma stajniex immexxu 'l quddiem, il-lum nerġgħu nħaddmuhom u ma' dawn inħaddmu oħrajn ġodda, u b'din it-tama jiena nixtiqilkom ir-riżq f'dawn il-ġranet ta' ferħ — riżq f'saħħitkom, fi djarkom u fir-raba' tagħkom.**

# IX-XJENZA U L-BIEDJA

*(C. Zammit-Marmarà M.B.E.)*

**Heffa tax-Xjenza fil-Produzzjoni tal-Biedja**

FL-AHHAR numru ta' "Il-Bidwi" tħadditna dwar it-tikxif li x-xjenza qiegħda tagħmel għall-ġid tal-biedja. Il-lum hemm ħafna li jaħsbu biex meta ż-żmien jerġa' lura għall-kwiet ta' żmenijiet normali, il-biedja tkun il-qofol u l-bażi ta' qagħda tajba ta' kull pajjiż.

Ilhom għal xi żmien isiru sperimenti dwar iż-żrigħ tal-patata bl-egħjun biss. Dan qed isir mhux għaliex bl-egħjun wieħed jista' jikseb prodott iżjed qawwi ta' patata, iżda għaliex jekk minn pajjiż għall-ieħor tista' tintbagħat kwantità ta' għejun biss b'hekk wieħed jiffranka spiża kbira fit-trasport, Barra minn dan ikun jista' jinstab xi użu ieħor għall-bċejjeċ ta' patata li jibqa'.

Għal Malta dan l-isperiment, jekk jirnexxi, ikun ta' importanza fis-sens illi l-kwantità ta' żerriegħa tal-patata li soltu tiġi ma' bosta vapuri tkun tista' tiġi bl-ajru, u bħalma tafu, bl-ajru tasal fostna fi ftit sigħat. It tfixkil li jkun hemm f'din il-biċċa jkun fil-fatt illi wieħed ma jkunx jista' jġib żerriegħa bl-addoċċ għax li jibqa' ma tistax tinbiegħ għall-ikel!

L-attività kbira li ħadet ix-xjenza dwar il-biedja hu ta' min ifaħħru. Milli jidher, meta aħna niġu fi żmien normali, il-ħajja tal-bniedem sa titqiegħed f'seklu ġdid imwaqqaf biss fuq l-**għaġla.** Jiġifieri fuq kif il-bniedem jista' jagħmel kollox fl-inqas żmien. Dan il-ħsieb bla dubju jiġi ħafna megħjun mit-trasporti bl-ajru ta' l-ajruplani li milli jidher m'aħniex sejrin inkunu neqsin minnhom.

L-għaġla fil-biedja sejra tkun sabiħa wkoll, iżda hija sejra tgħaqqad il-biedja tad-dinja kollha flimkien Dan il-pont fih innifsu fih bosta ħsieb. Mill-banda l-oħra t-trasport bl-ajru jġib ukoll miegħu l-periklu tad-dħul fil-pajjiż ta' insetti u mard tal-prodotti li s'issa għad m'għandniex!

**Mezzi ġodda tax-Xjenza għall-Qerda ta' mard tal-Prodotti**

Għalhekk wieħed għandu tabilħaqq għax jifraħ illi x-xjenza qiegħda tant taħseb għall-biedja. Nittamaw illi d-D.D.T. u l-Gammexane jagħtu protezzjoni ġdida lill-bdiewa kontra l-kotra kbira ta' insetti li għandna u li għad jista' jkollna fil-pajjiż.

Dwar il-mard tal-prodotti, issa hemm ukoll xi progress kbir dwar kif wieħed jilqa' u jfejjaq dan il-mard. Fl-imgħoddi għall-ġlata tal-patata, konna nbixxu bil-Mistura Burduliża li kienet tinħtieġ ħafna xogħol biex wieħed ilestiha u l-biċċa l-kbira qatt ma kienet tkun preparata tajjeb. Il-lum hemm mediċina oħra, wisq eħfef biex tippreparha u wisq iżjed ta' qawwa kontra dan il-mard u mard ieħor. Din il-mediċina ġdida jisimha "Perenox" (tinqara perenoks). Din il-mediċina hija wkoll ibbażata fuq sistema ġdid ta' l-użu tal-kupru. Hija tinħall u titħallat malajr ma' l-ilma u ma tinħtieġ xejn iżjed magħha lanqas ġir. Hija waħda mill-avanzi l-iżjed kbar għall-bidwi. Hija tiġi iżjed għalja mill-kupru meta tkun tista' tinkiseb, iżda għandha vantaġġi wisq kbar għall-bexx, mhux biss tal-patata, iżda wkoll għall-"Peronospora" tad-Dwieli u mard ieħor.

Kixfa oħra ta' ħtieġa kbira li għad tagħmel furur fost il-bdiewa tad-dinja hija l-mediċina magħrufa bl-isem ta' "Spersul". Għal żmien twil il-biedja kienet tinħtieġ funġiċida (mediċina kontra l-mard tal-prodotti) ibbażata fuq il-kubrit. Il-lum ix-xjenza sabet mediċina li hija wisq iżjed superjuri mill-aħjar kubrit, din jisimha "Spersul", u, sa fejn nafu aħna, ġiet stabbilita fil-laboratorji Ingliżi ta' Cooper. "Spersul" hu trab fin ħafna u ta' qawwa kbira kontra kull xorta ta' mell fuq il-qara', fuq il-bħajra, u fuq siġar tal-frott. Huwa jista' jintuża għal kull ħaġa fejn il-kubrit kien jintuża qabel, ngħidu aħna, fuq it-tuffieħ tadam u d-dwieli. Naħseb li fil-prezz ikun iżjed għoli mill-kubrit, iżda hu iżjed ekonomiku fl-użu, jiġifieri li bih iddur iżjed pjanti milli ddur bil-kubrit.

**Għeluq**

Ix-xjenza miexja bil-ħeffa u jekk aħna rridu nżommu l-pass mal-progress tad-dinja, jinħtieġ illi nħarsu lejn il-fatti kif inhuma u naddattaw ruħna u nagħmlu ħiltna biex inlaħħqu l-pass tagħna mal-progress tal-lum.

---

## GĦELUQ IT-TIELET SENA TA' "IL-BIDWI"

*(Jissokta mill-faċċata 2)*

lija tad-Dipartiment tal-Biedja—l-iktar meta dawn ix-xnigħat u għawi jkunu ġejjin minn nies li jkunu jridu jisservew bid-Dipartiment tal-Biedja għall-finijiet ta' rashom, filwaqt li taparsi qegħdin jaqbżu għall-interessi tiegħu.

**L-artikoli li dehru f'"IL-BIDWI"** kienu hekk ta' fejda u mżewqin, għal dik li hi sengħa u tagħlim, li bosta mill-qarrejja bagħtu jifirħulna u aħna mhux ħlief innizżlu l-ismijiet ġodda ta' min irid jixxierek bħala msieħeb fih. Saħansitra għandna talba kbira tiegħu mis-Surmastrijiet ta' l-Iskejjel ta' l-irħula. Biżżejjed ngħidu illi minn 500 kopja li biha bdejna noħorġu "IL-BIDWI", in-numru kellu jiżdied u jsir 5,000. Il-faċċati ta' "IL-BIDWI" leqgħu wkoll artikoli sbieħ u ta' fejda, li jitkellmu fuq fergħat oħra li, għalkemm ma jidħlux sewwa fis-sehem tad-Dipartiment tal-Biedja, jagħmlu ma' Xirkiet oħra ta' Ortikultura, Torbija ta' Tjur u Fniek, Torbija ta' Ħamiem tal-Ġiri u ta' industrji oħra tal-pajjiż, u xi qari ieħor ta' fejda. "IL-BIDWI" għalhekk, il-lum sar bħal dar ċkejkna ta' laqgħat ta' ħbieb li qegħdin igħinu lkoll flimkien fir-riżq ta' dawn il-Gżejjer. Jalla jasal dak il-jum meta bis-saħħa ta' din il-għaqda ta' mħuħ u qlub inkunu għaqqadna l-bdiewa kollha ta' Malta u Għawdex f'familja waħda skond it-tagħlim ta' "IL-BIDWI".

Jalla fl-egħluq ta' dawn it-tliet snin ta' ħajja ta' "IL-BIDWI", dan il-ġurnal ikun ta' tama tajba għal bosta u bosta snin oħra ta' ħajja, ta' riżq għall-bidwi tagħna u għall-Gżejjer ta' Malta.

